

## II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

## DEĊIŻJONIJIET

## IL-KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Ottubru 2009

li tħassar il-ftehimiet bejn il-Komunità Ewropea tal-Faħam u tal-Azzar u l-Konfederazzjoni Żvizzera

(2009/804/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

fid-drittijiet u l-obbligi li kienu jirriżultaw minn dawn il-ftehimiet.

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133, flimkien mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 300(3) tiegħu,

(3) Peress illi skada t-Trattat tal-KEFA, ż-żamma ta' sistema partikolari għall-prodotti tal-faħam u l-azzar m'għadhiex ġustifikata.

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

(4) It-tħassir tal-ftehimiet bejn il-KEFA u l-Konfederazzjoni Żvizzera tiffirma parti mill-miżuri għat-titjib tal-leġislazzjoni,

Billi:

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

(1) Bis-saħħa tal-Artikolu 97 tiegħu, it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) li skada fit-23 ta' Lulju 2002.

Artikolu 1

Il-ftehimiet internazzjonali li ġejjin bejn il-Komunità Ewropea tal-Faħam u tal-Azzar u l-Konfederazzjoni Żvizzera għandhom jiġu mħassra bi qbil komuni:

(2) Segwenti d-Deċiżjoni 2002/595/KE tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej fi ħdan il-Kunsill <sup>(1)</sup>, id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn ftehimiet internazzjonali konklużi mill-KEFA ma' pajjiżi terzi ġew trażmessi lill-Komunità Ewropea. Bid-Deċiżjoni 2002/596/KE tal-Kunsill <sup>(2)</sup>, il-Komunità daħlet

1. Il-Ftehim ta' konsultazzjoni tas-7 ta' Mejju 1956 bejn l-Awtorità Għolja tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u tal-Azzar u l-Konfederazzjoni Żvizzera <sup>(3)</sup>;

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni 2002/595/KE tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej fi ħdan il-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 dwar il-konsegwenzi tal-iskadenza tat-Trattat tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) dwar ftehimiet internazzjonali konklużi mill-KEFA (ĠU L 194, 23.7.2002, p. 35).

<sup>(2)</sup> Deċiżjoni 2002/596/KE tad-19 ta' Lulju 2002 dwar il-konsegwenzi tal-iskadenza tat-Trattat tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) dwar ftehimiet internazzjonali konklużi mill-KEFA (ĠU L 194, 23.7.2002, p. 36).

2. Il-Ftehim tat-22 ta' Lulju 1972 bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u tal-Azzar u l-Konfederazzjoni Żvizzera <sup>(4)</sup>;

<sup>(3)</sup> ĠU 7, 21.2.1957, p. 85/57.

<sup>(4)</sup> ĠU L 350, 19.12.1973, p. 13.

3. Il-Ftehim addizzjonali tat-22 ta' Lulju 1972 fuq il-validità għall-Prinċipalità tal-Liechtenstein tal-ftehim bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u l-Konfederazzjoni Żvizzera <sup>(1)</sup>, u l-ftehimiet u l-protokolli supplementari u addizzjonali relatati kollha.

*Artikolu 2*

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata li twieġeb għan-*Note Verbale* tal-Missjoni Żvizzera għall-Komunitajiet Ewropej tal-10 ta' Novembru 2004 bin-*Note Verbale* li tinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Ottubru 2009.

Għall-Kunsill  
Il-President  
Å. TORSTENSSON

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 350, 19.12.1973, p. 29.

## ANNEX

## NOTE VERBALE

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej issellem lill-Missjoni Żvizzera għall-Komunitajiet Ewropej u għandha l-unur tgħarrafha li rċeviet in-nota taġħha tal-10 ta' Novembru 2004 dwar l-abrogazzjoni ta' diversi Ftehimiet konklużi bejn il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, li kienet tgħid dan li ġej:

"Il-Missjoni Żvizzera għall-Komunitajiet Ewropej issellem lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u, b'riferiment għall-Ftehim ta' konsultazzjoni tas-7 ta' Mejju 1956 bejn il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Awtorità Għolja tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u tal-Azzar, kif ukoll għall-Ftehim tat-22 ta' Lulju 1972 bejn il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u tal-Azzar u l-ftehimiet u l-protokoll supplementari u addizzjonali relatati kollha, għandha l-unur li tgħarrafha b'dan li ġej:

Fid-19 ta' Lulju 2002, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li jittrasferixxi lill-Komunità Ewropea d-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mill-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA). Meta, fit-23 ta' Lulju 2002, il-KEFA ma baqgħetx teżisti, id-dispożizzjonijiet tal-Ftehimiet li kienu jorbtuha mal-Konfederazzjoni Żvizzera tilfu kull applikazzjoni Prattika. Il-Missjoni għandha l-unur tipproponi lill-Kummissjoni biex il-Ftehimiet li ġejjin jiġu abrogati bi ftehim komuni, skont l-Artikolu 54 b tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati:

- il-Ftehim ta' konsultazzjoni tas-7 ta' Mejju 1956 bejn il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Awtorità Għolja tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u tal-Azzar
- il-Ftehim tat-22 ta' Lulju 1972 bejn il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u tal-Azzar
- il-Protokoll Addizzjonali tas-17 ta' Lulju 1980 għall-Ftehim bejn il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u tal-Azzar wara l-Adeżjoni tar-Repubblika Ellenika fil-Komunità
- il-Ftehim addizzjonali tat-22 ta' Lulju 1972 fuq il-validità għall-Prinċipali tal-Liechtenstein tal-ftehim bejn il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (b'att finali u dikjarazzjoni)
- il-Protokoll Supplementari tas-17 ta' Lulju 1980 għall-Ftehim addizzjonali fuq il-validità għall-Prinċipali tal-Liechtenstein tal-ftehim bejn il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar wara l-Adeżjoni tar-Repubblika Ellenika fil-Komunità
- il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u tal-Azzar, wara l-implimentazzjoni tas-Sistema Armonizzata ta' Deskrizzjoni u Kodifikazzjoni tal-Merkanzija
- il-Protokoll Supplementari għall-Ftehim addizzjonali fuq il-validità għall-Prinċipali tal-Liechtenstein tal-ftehim bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u l-Konfederazzjoni Żvizzera wara l-implimentazzjoni tas-Sistema Armonizzata ta' Deskrizzjoni u Kodifikazzjoni tal-Merkanzija
- il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u tal-Azzar, wara l-Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża fil-Komunità
- it-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u tal-Azzar, wara l-Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża fil-Komunità
- il-Protokoll Supplementari għall-Ftehim addizzjonali fuq il-validità għall-Prinċipali tal-Liechtenstein tal-ftehim bejn il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar wara l-Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża fil-Komunità

u l-ftehimiet supplementari u addizzjonali relatati kollha.

Jekk il-Kummissjoni taqbel ma' din il-proposta, il-Missjoni tipproponi li din in-Nota u t-tweġiba tal-Kummissjoni għandhom jikkostitwixxu ftehim li jibrogja l-ftehimiet imsemmija, li għandu jidħol fis-seħħ l-għada tan-notifika tat-tweġiba tal-Komunità."

Il-Kummissjoni għandha l-unur li tavża lill-Missjoni li, bis-saħħa tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2009, hija taċċetta, fisem il-Komunità Ewropea, il-proposta li l-Ftehimiet hawn fuq imsemmija jiġu abrogati.

Il-proposta tal-Missjoni u din in-nota għaldaqstant jikkostitwixxu ftehim fuq l-abrogazzjoni tal-Ftehimiet imsemmijin li għandu jidħol fis-seħħ l-għada tan-notifika ta' din it-tweġiba.

Il-Principalià tal-Liechtenstein għandha tiġi informata bl-abrogazzjoni ta' dawn il-ftehimiet.

Il-Kummissjoni tieħu din l-okkażjoni biex iġġedded l-assigurazzjonijiet tal-ogħla konsiderazzjonijiet tagħha lill-Missjoni.

Brussell,

---